**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 25 ta’ Settembru 2024**

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**(Supretendent Jonathan Ransley)**

**vs**

**Kyle Saliba**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kyle Saliba, ta’ 26 sena, bin Kevin Saliba u Danielle Saliba nee’ Vella, imwieled nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u sebgħa u disgħin (1997) ġewwa Tal-Pieta’, Malta, iddikjarat illi jirrisjedi fl-indirizz 71, Triq Carlo Manche, il-Gżira, Malta, detentur tal-Karta tal-Identita’ Maltija bin-numru 371997M

Akkuzat talli nhar it-21 ta’ Jannar 2024 għall-ħabta ta’ bejn is-sagħtejn (02:00hrs) u t-tlieta (03:00hrs) ta’ filgħodu ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, Malta, u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol u jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Craig Meilak, u dan hekk kif ċertifikat mit-tabib Dr. Andrew Chilton (Med. Reg. 8158);

   *Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba sabiex jogħġobha tipprovdi għas-sigurta ta' Craig Meilak u/jew ta' xi persuna/i oħra permezz ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u sabiex f'każ ta' ħtija, jogħġobha tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti u/jew periti fil-proċeduri odjerni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu hija ta' seba' snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta – l-iktar stadju bikri tal-proceduri - u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. Hija hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-imputat ghandu fedina penali netta, u li ma kienx hemm incidenti ohra bejnu u bejn il-parti offiza minn dak in-nhar tal-akkadut.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 216(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

    2. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Craig Meilak. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

11. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos

milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

12. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

13. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**